**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 25 ta' Ottubru 2021**

**Avviz numru: 20/2021 MLF**

**L-Avukat Dottor Martina Farrugia bhala prokuratur specjali tas-socjeta NT Bunkering AS**

**vs**

**Palmali Voyager Three Shipping Co Ltd**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta attrici fejn talbet li s-socjeta konvenuta tigi ikkundannata thallasha s-somma ta' tlettax-il elf mitejn tmienja u hamsin ewro u sebgha u sittin centezmu (€13,258.67) oltre l-imghax legali mis-16 ta' Lulju 2019 jew qualsiasi somma ohra verjuri illi din l-Qorti joghgobha tillikwida, rapprezentanti somma li huma certi, likwidi u dovuti ghall-provista ta' bunker fuels lill-bastiment MV Zeynalabdin Tagiyev, kopja tal-*bunker order confirmation, invoice u bunker delivery note* relattivi gew annessi mar-rikors promotur u mmarkati bhala *'Dokument A'*. Is-somma surreferita hija komposta mis-somma dovuta skond il-fattura u cioe hmistax-il elf u sitt mitt dollar Amerikan, ekwivalenti ghall-tnax-il elf tminn mija sitta u

erbghin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€12,846.91) u tinkludi penali amministrattivi ta' hames mitt dollar Amerikan ($500) ekwivalenti ta' erba mija u hdax-il Ewro u sitta u sebghin centezmu (€411.76) ghal *delayed payment,* skond it-termini u kundizzjonijiet tas-socjeta attrici annessi mar-rikors promotur u mmarkati '*Dokument B'*. Il-bastiment MV Zeynalabdin Tagiyev huwa propjeta tas-socjeta konvenuta, kif jidher mit-Transcript of Registry anness mar-rikors promotur bhala *'Dokument C'*. Kif jidher mill-fattura annessa, socjeta attrici ikkuntrattatat originarjament mas-socjeta Torka Palmali Gemicilik Ve Acentelik A.S, li tifforma parti mill-Palmali Group of Companies flimkien mas-socjeta konvenuta, fejn ic-Chairman tal-Grupp Mansimov Mubariz Gurbanoglu, li hu id-direttur rapprezentant legali u gudizzjarju wahdieni tas-socjeta konvenuta skond *'Dokument D'*, rabat il-kumpaniji kollha tal-grupp inkluz is-socjeta konvenuta solidament bejniethom, ghad-djun relatati mal-provista ta' bunkers lil bastimenti tal-Palamli Group, kopja tal-ittra tal-garanzija giet annessi u mmarkata bhala *'Dokument E'*. Ghalhekk is-socjeta konvenuta hija solidament responsabbli ghall-hlas ta' dan l-ammont. Minkejja li l-fattura tindika li s-socjeta Luminor Liising AS bhala ir-recipjenti ghall-hlas, permezz tal-ittra annessa mar-rikors promotur u mmarkata bhala *'Dokument F', Luminor Liising AS* indikat b'mod katekorigu li l-flejjes ghandhom jithallsu lil NT Bunkering AS, is-socjeta attrici u mhux lilha.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali nru.97/2020 datata 27 ta' Awwissu 2020.

Rat li s-socjeta konvenuta debitament notifikata naqset li tipprezenta risposta u li tidher fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2021.

Rat li fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2021 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta konvenuta

Rat li fis-seduta tal-lum is-socjeta konvenuta msejjha tlett darbiet naqset li tidher, u ghalhekk il-kapitolu tal-attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlettax-il elf mitejn tmienja u hamsin ewro u sebgha u sittin centezmu (€13,258.67), bl-imghax legali mis-16 ta' Lulju 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 97/2020 datata 27 ta' Awwissu 2020, ghandhom jigu subiti mis-socjeta konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**